Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 94/2017

**Express Logigroup Limited (appellata)**

**vs**

**Charles Grech (appellant)**

23 ta' Ottubru, 2018.

1. Dan il-kaz jitratta talba tas-socjetà attrici ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef seba' mija u sitta u ghoxrin ewro u dsatax-il centezmu (€3,726.19) rapprezentanti hlas ghas-servizz ta' garr ta' merkanzija.

2. Il-konvenut filwaqt li eccepixxa li ma kellu ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici, inghad minnu wkoll li s-somma pretiza kellha tigi ridotta ghas-somma ta' elfejn mitejn u tnejn u tmenin ewro u ghaxar centezmi (€2,282.10).

3. Permezz ta' sentenza tal-15 ta' Frar, 2018, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar iddecieda t-talba billi, filwaqt li cahad l-ewwel eccezzjoni, laqa' limitatament l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenut u kkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' €3161.28, bl-imghaxijiet fuq l-istess somma mid-data tas-sentenza. Cahad il-bqija tal-eccezzjonijiet. Bl-ispejjez tal-kawza nqasmu in kwantu ghal tliet kwarti ghall-konvenut u kwart ghas-socjetà attrici.

4. Charles Grech appella minn dik is-sentenza u dan a bazi ta' zewg aggravji principali:

(i) **L-ewwel aggravju** jitratta c-cahda tal-ewwel eccezzjoni tieghu peress li jinsisti li huwa qatt ma kellu ebda relazzjoni guridika mas-socjetà appellata Express Logigroup Limited. Huwa jinsisti li huwa dejjem innegozja ma' Jonathan Vella (li jiggestixxi d-ditta Express Logigroup) u li huwa qatt ma ghamel negozju mas-socjetà appellata. Jiccita gurisprudenza fis-sens li meta persuna tikkuntratta f'isem haddiehor, jehtieg li taghmel dan b'mod

car sabiex il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi dik il-persuna tkun qeghda tikkuntratta ghan-nom ta' haddiehor. Jaghmel referenza ghal numru ta' dokumenti in atti, bhall-*visiting card* ta' Jonathan Vella, il-fatturi li hargu minn Express Logigroup, l-ittra ufficjali li harget f'isem l-istess ditta u dokumenti ohra li lkoll jaghmlu referenza ghad-ditta Express Logigroup u mhux ghal socjetà kummercjali bhal ma hi s-socjetà appellata. Kwindi jargumenta li l-uzu tal-kelma "Limited" fl-isem tas-socjetà attrici appellata, taghmel id-differenza bejn ditta u socjetà u hija kundizzjoni essenzjali sabiex tindika li si tratta ta' socjetà kummercjali li ghandha personalità guridika distinta mill-membri taghha li jikkomponuha. Jikkritika s-sentenza sa fejn ghamlet referenza ghan-numru tas-socjetà attrici b'tipi zghar hafna li minn imkien ma jirrizulta x'jirraprezenta l-istess numru u dan kontra l-istess principju enuncjat mit-Tribunal ta' *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*

(ii) **It-tieni aggravju** tal-konvenut appellant jitratta l-mertu tal-kawza fis-sens li jinsisti li l-ammont dovut minnu lid-ditta Express Logigroup huwa ta' €2,282.10 u mhux l-ammont ridott ta' €3,161.28 li llikwida t-Tribunal, peress li kien hemm riduzzjonijiet ohra li kellhom jigu kkunsidrati u li ma ntlaqghux mit-Tribunal. Huwa jaghmel referenza ghal-laqghat li kellu ma' Jonathan Vella, ghall-oggezzjonijiet li ressaq bil-miktub u li kien biss fil-mori tal-proceduri li l-ammont reklamat mis-socjetà attrici gie ridott bl-ammont ta' €230.81. Il-konvenut appellant jghaddi sabiex jelenka tnaqqis ulterjuri li fil-fehma tieghu kellu jsir mill-ammont pretiz mis-socjetà attrici appellata:

(a) mill-fattura 3731, kellu jsir tnaqqis ulterjuri ta' €25 peress li jikkontendi li t-trasport kellu jkun *Free on Board;*
(b) mill-fattura 3837, kellu jsir tnaqqis ulterjuri ta' €46.20 maqsum fi tlieta (i) €43.51 minflok €65.66 ghall-freight; (ii) €13.74 minflok €20.74 bhala *landing and port charges;* (iii) €15 minflok €25 bhala *local delivery charges.* L-appellant jikkontendi li kien jispetta lis-socjetà attrici tipprova kemm kienu dawn il-*landing and port charges* u *local delivery charges,* prova li fil-fehma tieghu ma saritx;
(c) mill-fattura 2994, kellu jitnaqqas l-ammont shih. L-appellant jargumenta li fil-kaz ta' din il-fattura ladarba t-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li t-trasport tal-merkanzija ma sarx kif ordnat, allura t-Tribunal kellu mhux semplicement jordna tnaqqis, izda kellu jnaqqsu kollu. Dana peress li jinghad li l-konsenja kellha ssir f'hames *pallets* intatti u mhux strippjati, mentri l-merkanzija waslet minghajr *pallets* minghajr *shrink wrapping* u b'hafna affarijiet neqsin. Gew ikkonsenjati 111 kartuna sfuzi kif jirrizulta mid-*delivery note* kif iffirmata mit-*truck*

*driver* u ghalkemm Jonathan Vella stqarr li kien jaf bil-problema u weghdu li ser jirranga kollox, ma rranga xejn. Il-konvenut appellant jishaq li ladarba s-socjetà appellata naqset fl-obbligi taghha li ggorr il-merkanzija kif miftiehem, u Vella intrabat mieghu li kien ser jirranga, huwa mhux tenut ihallas peress li jsostni li mhux dovut hlas jekk fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt is-socjetà attrici appellata tbieghdet mill-mod kif suppost hija kellha tezegwixxi l-kuntratt. Jinsisti li t-tnaqqis moghti mit-Tribunal ma jaghmilx gustizzja mieghu u ma jirriflettix il-kedded li ha.

5. L-attrici wiegbet li fil-fehma taghha, l-appell kellu jigi michud u s-sentenza tal-15 ta' Frar, 2018, tat-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar ikkonfermata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant, ghas-segwenti ragunijiet:

(i) fir-rigward tal-ewwel aggravju, jinghad li l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant huma nkompatibbli ma' xulxin in kwantu ma jistghax min-naha jghid li huwa m'ghandu ebda rabta guridika mas-socjetà attrici appellata, u min-naha l-ohra jeccepixxi fil-mertu li l-ammont pretiz ghandu jigi ridott, peress li b'hekk qieghed jaccetta li hemm ammont dovut. Inoltrè ssostni li l-konvenut kien ben konsapevoli li kien qieghed jaghmel in-negozju mas-socjetà attrici appellata, kif fil-fehma taghha jirrizulta minn numru ta' dokumenti essebiti in atti; u

(ii) fir-rigward tat-tieni aggravju, l-ammont riklamat minnha ta' €3,726 kien ridott minnha stess, ghall-ammont ta' €3,495.38, u dan l-ammont gie ridott ulterjorment mit-Tribunal b'€334.10, li skont it-Tribunal ma kienux gustifikati, sabiex b'hekk il-konvenut kien ikkundannat ihallasha €3,161.28. Is-socjetà attrici appellata ssostni li dan l-ammont huwa wiehed gust u ghalhekk ukoll dan l-aggravju ghandu jigi michud.

6. Il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawza.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

7. Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju dwar in-nuqqas ta' rabta guridika bejn il-konvenut u s-socjetà attrici, tosserva:

(a) Meta negozju jkun gestit minn socjeta' b'responsabilita' limitata, huwa obbligu taghha li tindika dan bl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.

(b) Il-fatt li l-konvenut appellant fin-negozjati tieghu kien qieghed jitkellem ma' Jonathan Vella ma jeskludix *a priori* li Vella kien qieghed jaghmel dan bhala ufficjal tal-attrici, tant li kif jirrizulta mill-istess *business card* li kienet fil-pussess tal-konvenut, jinghad fiha li kien jokkupa l-kariga ta' CEO ta' Express Logigroup.

(c) Issa f'dan il-kaz il-konvenut jilmenta li fil-fehma tieghu, huwa kien qieghed jitratta ma' ditta Express Logigroup u mhux ma' socjetà kummercjali Express Logigroup Limited, peress li l-kelma "Limited" ma kinitx tirrizulta mid-dokumenti, dan meta hemm differenza bejn negozjant li jopera permezz ta' isem ta' ditta u socjetà kummercjali bhalma hija hi s-socjetà attrici li ghandha personalità guridika separata mill-membri taghha li jikkomponuha;

(d) Tapplika ghal dan il-kaz l-osservazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Formosa et nomine v Silvio Felice**, deciza fis-6 t' Ottubru 1999:

> "*Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji*".

(e) L-aggravju mhuwiex gustifikat, peress li fil-fehma tal-qorti mhemmx dubju li Vella kien qieghed jikkuntratta f'isem l-appellata. Dan jinghad peress li minn ezami tal-istandard *Terms and Conditions of Trading*,[1] li fi kliem Vella tinghata darba lil kull klijent, jinghad li l-kelma "Company" tirreferi ghal Express Logigroup Limited, bin-numru ta' registrazzjoni C 58205.

(f) Ghalkemm il-konvenut isostni li dan id-dokument qatt ma nghatalu, hemm dokumenti ohra li jservu bhala prova li n-negozju sar ma' kumpannija. F'kull fattura hemm stampat in-numru ta' registrazzjoni tal-kumpannija u riferenza ghall-kumpannija fil-parti ta' isfel. Dan apparti li fl-iskambju ta' korrispondenza elettronika bejn il-partijiet, ukoll tirrizulta r-referenza ghal Express Logigroup Limited.[2]

(g) Dan apparti li fil-mori tal-appell il-konvenut hallas is-somma ta' €2,281.10.[3] Ghalkemm fl-ittra legali tat-2 ta' Marzu 2018 jinghad li l-hlas qieghed isir minghajr pregudizzju ghall-appell li gie ntavolat, mhemmx kompatibbilta' bejn l-ewwel aggravju u l-hlas ta' €2,281.10. Min isostni li

---
[1] Esebiti bhala Dok. JV 3 a fol. 19.
[2] Ara Dok. HA 2 a fol. 36 u Dok. JV 7 a fol. 42.
[3] Ara nota a fol. 17.

m'ghandux relazzjoni guridika ma persuna, ma jmurx ihallas parti mid-dejn.

8. It-tieni aggravju principalment jikkritika l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal tat-Talbiet Zghar. Hu stabbilit li ghal dak li jirrigwarda d-diskrezzjoni li l-ewwel qorti, jew f'dan il-kaz it-tribunal, ghandhom fl-apprezzament tal-provi, din il-qorti ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni facilment, sakemm ma jkunx hemm ragunijiet validi u serji bizzejjed. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) tat-3 ta' Marzu, 2011, fil-kawza fl-ismijiet **Isabelle Borg et vs Robert Galea et**). Minkejja dan, din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, xorta trid tezamina sewwa l-provi u tizgura li f'dan il-kaz, it-Tribunal tat-Talbiet Zghar ma kienx ghal kollox zbaljat f'dak li jirrigwarda l-konkluzjonijiet li wasal ghalihom.

9. Il-konvenut isostni li kellu jsir tnaqqis ulterjuri fuq is-segwenti fatturi:

i. Il-Fattura 3731 kellu jsir tnaqqis ulterjuri ta' €25 peress li jikkontendi li t-trasport kellu jkun *Free on Board.* Kuntrarjament ghal dak li jinghad mill-konvenut, ladarba huwa qieghed jallega li l-garr kellu jsir b'xejn, kien jispetta lilu jressaq prova in sostenn ta' dan u mhux bil-kontra. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Carmelo Saydon v. Anthony Bonavia**, deciza fl-4 ta' Ottubru 2010:

> *"Tibqa' esigenza tad-dritt probatorju li tqieghed a karigu ta' min jallega fatt illi jgib 'il quddiem prova demonstrattiva tieghu ghall-konvinciment tal-gudikant*."

Filwaqt li din il-Qorti thaddan l-istess insenjament, tqis li m'hemm ebda dubju li s-socjetà attrici effettwat is-servizz ta' garr ta' merkanzija in kwistjoni, tant li l-konvenut mhux qieghed jikkontesta l-bqija tal-kont fuq din il-fattura, kif ridott mit-Tribunal. Izda ladarba l-principju huwa min jallega jrid jipprova, (a bazi tal-massima legali *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat)*, allura kien jispetta lill-konvenut appellant iressaq prova tal-ftehim fejn it-trasport kellu jkun *Free on Board.* Din il-prova ma saritx da parti tal-konvenut appellant, kwindi t-Tribunal ghamel sew li llimita r-riduzzjoni ghal dawk l-ammonti kif sostnuti mill-provi in atti.

ii. Fir-rigward tal-fattura 3837, l-appellant isostni li kellu jsir tnaqqis iehor ta' €46.20 minhabba tliet ragunijiet: (i) fil-kaz tal-*freight* kellu 458 kg ta' merkanzija li jsostni li hija ekwivalenti ghal 1.145cbm, izda hawn ukoll l-appellant ma jispegax minn fejn tirrizulta l-premessa tieghu ta'

400kgs=1cbm. Ghaldaqstant, it-tnaqqis ma jirrizultax gustifikat. L-istess jista' jinghad ghal (ii) tnaqqis pretiz fil-*landing & port charges* u (iii) fil-*local delivery charge.* M'hemmx provi li tiggustifika t-tnaqqis li jippretendi l-konvenut.

iii. Fir-rigward tal-fattura 2994 il-konvenut jikkontendi li m'ghandu jhallas xejn, ladarba l-konsenja ma saritx kif ordnata minnu, bil-konsegwenza li minflok 5 *pallets* ippakkjati waslu 111 kaxxa tal-kartun sfuzi u b'numru ta' prodotti neqsin. F'dan il-kaz, jirrizulta car li skont il-ftehim,[4] il-kundizzjonijiet tal-garr minn Manchester, kienu jinkludu referenza ghall-fatt li kienu japplikaw il-kundizzjonijiet CMR u li l-oggetti jkunu "stackable". Kwindi kif gustament osserva t-Tribunal, il-kuntratt bejn il-kontendenti hu regolat bil-Konvenzjoni dwar the *Contract for International Carriage of Goods by Road* (minn hawn 'il quddiem imsejha CMR), inkorporata fl-Att dwar il-Garr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija (Kap. 486 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghalkemm Vella spjega r-ragunijiet ghalfejn kienu jinsistu li l-merkanzija tkun "stackable" sabiex ma jitilfux spazju fuq il-container, jibqa' l-fatt li kif rilevat mit-Tribunal, skont l-Artikolu 23 (4) tal-Konvenzjoni ta' CMR:

"*carriage charges, Customs duties and other charges incurred in respect of the carriage of the goods shall be refunded in full in case of total loss and in proportion to the loss sustained in case of partial loss (…)*".

Mhux kontestat, da parti tal-appellata, li l-merkanzija waslet sfuza u bin-nieqes. Kwindi, din il-Qorti ssib ragonevoli t-tnaqqis li addotta t-Tribunal meta kkalkola t-tnaqqis fil-kaxex[5] ikkonsenjati u ekwiparhom ma' 17 % tal-merkanzija li kellha tingarr u tigi kkonsenjata, u naqqas il-persentagg ekwivalenti mill-ammont pretiz mis-socjetà attrici. Il-qorti ma taqbilx li ebda hlas m'hu dovut, meta tqies li servizz ta' garr inghata.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul

[4] Ara Dok. JV2 a fol. 17.
[5] Kif jirrizulta minn Dok. CG5 a fol. 55.